**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**BENNA FARRUGIA**

**(ID: 439680M)**

**Illum 8 ta` April 2024**

**Kump. Nru. 530/2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **BENNA FARRUGIA,** ta' sebgha u tletin sena (37) sena, bint Carmelo u Catherine nee Portelli, imwielda

nhar it-2 ta Settembru, 1980, residenti 72, Triq il-Kurcifiss, Senglea u detentrici tal-karta tal-identita' numru **439680M** fejn giet akkuzata;

1. Talli bejn ix-xahar ta Ottubru 2017 u Marzu 2018 il-Fgura, Malta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess deposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' izjed minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Rosina Portelli li hija persuna anzjana ai termini tal-artikolu 257F (4) tal-Kodici Kriminali u tal-Bank of Valletta p.l.c liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, persuna, mezz, valur u lok.

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi taghmel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi turi xi haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, taghmel qliegh bi hsara ta' Rosina Portelli li hija persuna anzjana ai termini tal-artikolu 257F(4) tal-Kodici Kriminali u tal-Bank of Valletta p.l.c

3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bi hsara ta' Rosina Portelli li hija persuna anzjana ai termini tal-artikolu 257F(4) tal-Kodici Kriminali u tal-Bank of Vallettta p.l.c ghamlet xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta` qabel;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tat-18 ta` Jannar 2021 (ara folio 198) fejn iddecieda li l-imputata ghandha tigi ggudikata mill-Qorti tal-Magistrati, u l-

kunsens ta` l-imputata sabiex il-kawza taghha tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati, moghti fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2022 (ara verbal a folio 209);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset sew is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet maghmulha fl-udjenza tat-30 ta` Jannar 2024;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, dak li rrizulta f'dan il-procediment kien is-segwenti.

Rat ix-xhieda ta' l-**ispettur Hubert Cini** li xehed fil-13 ta' Settembru 2018 a fol. 11 fejn spjega li Rosina Portelli nhar it-28 ta' Marzu, 2018 kienet marret taghmel rapport fl-ghassa tal-pulizija tal-Fgura fejn stqarret li mill-kont bankarju taghha kienu saru xi transactions f'Marzu 2018 li hi ma kienitx awtorizzat. Qalet li fl-14 ta' Marzu 2018 ingibdu €250 u fis-16 ta' Marzu 2018 kienu ingibdu €240. Kompliet tispjega li kienet marret il-bank u gabet statement fejn indunat li bejn Novembru 2017 u Marzu 2018 kienu saru transazzjonijiet illi hi ma kienitx awtorizzathom. Meta staqsewha kif setghet tinduna qalet ghax meta kienet tigbed hi ma kienitx tigbed aktar minn €50 kull darba. Qaltilhom li ma kientix tigbed €250. Komplew ikelmuha u qaltilhom li setgha kien hemm *pattern* li meta tigi l-persuna illi tnaddfilha, u cioe is-sinjura Farrugia li gharfet prezenti fl-awla bhala l-akkuzata, il-flejjes kienu jigu migbuda. Ix-xhud gabar it-timetable tas-sinjura Farrugia u gab ukolll it-transactions li kienu saru mal-BOV fejn il-*pattern*

qablet. Kien hemm sittax-il darba bejn Novembru 2017 u Marzu 2018 fejn meta l-akkuzata kienet tkun xoghol kienu isiru dawn it-transactions billi jingibdu l-flus mill-ATM. Issa l-ATM hija bieb ma bieb ezatt ma fejn toqghod Rosina Portelli. Gabar ukoll id DVD tas-CCTV camera ta' hafna minn dawn id-dati, mhux kollha imma ghax kien hemm dati minnhom li lahqu thassru peress li kien ghadda iz-zmien fejn verament tidher l-akkuzata qeda tohrog mid-dar tas-sinjura Rosina Portelli u tigbed il-flus.

Huwa baghat ghall-akkuzata qalilha dwar ir-rapport u wara li tkelmet ma Dr Leontine Calleja din irrilaxxjat statement fejn qalet li kien veru li kienet tigbed il-flus izda kienet taghmel dan ghaliex kienet tqabbadha hi stess. Staqsiha jekk kienitx tiehu l-flus hi stess personali u cahdet u qalet li qatt ma ghamlet hekk u li dejjem kienet is-sinjura Portelli li tatha l-karta u l-card biex tigbed il-flus. Qalet li kienet tmur tajjeb hafna maghha tant li s-sinjura Portelli kienet anke tixtrilha xi affarijiet ghat-tifel.

Huwa rega tkellem mas-sinjura Portelli fejn din baqghet tghid li qatt ma tat il-card u PIN number lill-akkuzata. Wara hareg l-akkuzi fil-konfront tal-akkuzata. Huwa pprezenta l-istatement tal-akkuzata Benna Farrugia li gie mmarkat bhala dok HC[1]. Ipprezenta wkoll id-DVD li fih hames stills mehuda fi granet differenti li gie markat bhala dok HC1[2]. Jghid li huwa ghamel lista tal-okkazzjonijiet li rrizultalu li l-akkuzata gibdet flus mill-kont ta' Rosina Portelli. Dan id-dokument gie markat bhala dok HC2[3] u l-ammont telgha ghal €3,190. Dan hu l-ammont intier li s-sinjura Portelli qed tghid li naqsilha.

---

[1] Fol. 14 ta' l-atti

[2] Fol. 17 ta' l-atti

[3] Fol. 18 ta' l-atti

**Rosina Portelli** xehdet nhar it-13 ta' Settembru, 2018 a fol. 19, u kkonfermat li twieldet fit-12 ta' Dicembru, 1948 u li ser tghalaq 70 sena. Qalet li toqghod il-Fgura fejn il-knisja bieb ma bieb mal-BOV. Ikkonfermat li kienet ghamlet rapport ghand il-pulizija ghaliex kienu qed jonqsulha il-flus mill-kont bankarju taghha marbut mal-cash link. Qalet li hija kienet tigbed €50 jew €60 mill-kont taghha. Qalet li hija ma tatix kaz ghaliex huwa il-kont fejn tidhol il-pensjoni. Qalet li flus ma izzommx id-dar. Darba minnhom spiccat l-isptar ghax kellha *chest infection* u binha staqsiha kemm kienet gibdet flus u qaltlu li kienet gibdet €50 jew €60.

Wara marret tigbor il-karti mill-bank minn Novembru 2017 sa Marzu 2018 u hadithom l-ghassa tal-Fgura u zammewhom. Taf li gew mghoddija lill-ispettur li kien sahansitra anke mar id-dar taghha biex ikellimha. Qalet li dak iz-zmien kienet tmur Benna tahslilha izda wara bdiet iggib wahda mill-privat. Qalet li kienet ittiha bezzun hobz bil-butir. Spjegat li kienet izzomm il-cash link u n-numru taghha fil-vetrina. Ix-xhud stqarret li l-akkuzata kienet tibgor il-karta, tmur tigbed il-flus u wara tghamilha li qed tahsel barra u terga tpoggi il-cash link f'postha u hija ma kienet tinduna b'xejn.

Qalet li hija mill-cash link tigbed €50 jew €60 kemm ikollha ghall-hajja. Mistoqsija jekk qatt qabditx lill-akkuzata tghamillha xi xoghol konness mal-bank, tghid li le qatt izda kienet tqabbadha biss ghat-tindif. Qalet li kienet titratta lill-akkuzata tajjeb tant li kienet tixtrilha xi haga ghall-Ghid u ghall-Milied u dejjem ittiha xi pakkett galettini. Qalet li kienet tmur ghandha jum il-Gimgha. Mistoqsija jekk kienx minnu li t-tifel taghha kien jirrabja maghha ghaliex kienet tixtri l-ghamara minn fuq l-idejn minghand in-nies tghid li le mhux minnu. Kienet waqfet, pero tixtri minghand in-nies ghaliex darha hija mimlija. Tghid li ihossha ghajjiena u tiehu xi medicini. Mistoqsija jekk kienitx tghati l-karta lill-akkuzata biex tigbdilha xi flus meta kienet ser tmur tixtri xi ghamara twiegeb fin-negattiv.

Taf li dakinhar li dahlet l-isptar binha qalilha ghaliex kienet gibdet €250 u hija wiegbet li kienet gibdet biss €50. Kien jum il-Gimgha dakinhar. Tikkonferma li

kien binha li qalilha dwar dan is-serq ghaliex hija lanqas biss kienet indunat. Ikkonfermat li kienet tat xi flus lit-tifel uniku taghha biex jixtri karozza ghaliex kien skiddja b'dik li kellu.

Tghid li la hi ma tindahal fuq it-tifel ta' kif jonfoq hwejjgu u lanqas hu ma jindahal fuqha ta' kif hi tonfoq flusha. Tiftakar li kien hemm zewg okkazzjonijiet meta kienet gibdet is-somma ta' €500, f'kull okkazzjoni sabiex tixtri xi antikita. Mistoqsija jekk issofri bid-dimentia tghid li le izda gieli tistordi w izzomm mal-hajt ghax tinzlilha l-pressjoni jew iz-zokkor.

Mistoqsija jekk qattx rat lill-akkuzata tigbed xi flus tghid li le u tghid li qatt ma kienet tkun hdejha waqt li tkun qed tnaddaf. Mistoqsja jekk tafx tuza il-magna tal-ATM tghid li taf u anke taf tara il-bilanc fil-kont taghha. Pero ma indunatx li kien hemm min kien qed jigbed mill-kont taghha. Anke meta kien imur xi hadd ibieghilha xi haga tghid lil dak li jkun biex johrog barra, u hi stess tmur tigbed il-flus u tghaddihomlu minnufih. Il-cashlink u n-numru tal-card kienet izommhom go portmoni fil-vetrina faccata il-kamra tal-banju. Tichad bil-qawwa li qatt tat il-cashlink lill-akkuzata.

Nhar it-18 ta Jannar 2023 regghet xehdet u tghid li ma ghamlitx rapport lill-pulizija salv meta indunat li Benna kienet qed tisirqilha l-flus. Tghid li dak iz-zmien kienet Benna biss li kienet tmur ghandha. Mistoqsija jekk qatt ratx lil Benna tiftah il-kexxun tghid li kien ikun imbexxaq. Mistoqsija jekk kienx ikun hemm mara li tmur tahsilha tghid li le kienet tinhasel wahedha. Tichad li kienu igibulha n-nappies meta kienet ghadha id-dar, ghalkemm fil-home johduhomlha. Mistoqsija kemm kien hemm flus nieqsa tghid li kien hemm €2,950. Tghid li hija kienet taf tigbed mill-magna ATM u kienet tigbed wahedha. Mistoqsija jekk kienx it-tifel li qalilha li kienet Benna li gibditilha l-flus twiegeb li iva Benna kienet qed tisraqni. Tghid li kienet ilha nieqsa mid-dar ghal sena u kemm ilha fil-Home ma gibditx iktar flus. Tghid li veru thobb l-affarijiet antiki pero mhux minnu li ghandha xi mitt Bambin. Tammetti li gieli lit-tifel ma qaltlux meta

xtrat xi haga antika u dan ghaliex ma kienx jiiehu gost ghaliex kienet tonfoq bla bzonn, kien jghidilha.

**Alex Miruzzi** xehed ghan-nom tal-BOV nhar it-12 ta' Ottubru 2018 a fol. 41. Huwa pprezenta li-*statements of account* tal-kont bankarju ta' Rosina Portelli (ID1061348M), *account number* 40019434025 u dan ghall-perijodu ta l-1 ta' Ottubru 2017 sal-1 ta' April 2018. Dan id-dokument gie markat bhala dok AM[4]. Muri CD esebit fl-atti a fol. 17 markat bhala dok HC1 ighid li kien hu li ghamlu ghaliex gharaf il-kaligrafija tieghu fuq barra tas-CD u dan fuq talba ta' l-ispettur Hubert Cini.

**Remigio Zammit** xehed nhar it-12 ta' Ottubru, 2018 a fol. 47 u dan in rappresentanza tad-Dipartiment ghall- Anzjanita Attiva u Kura fil-Komunita. Qal li jaf li Benna Farrugia tahdem mal-kuntrattur Healthmark ghalkemm huwa ma jafhiex. Din is-socjeta tipprovdi s-servizz tal-*Home Help*. Dan hu servizz domestiku fejn il-*helpers* imorru ghand l-anzjani u jghinuhom fit-tindif, jew fix-xiri jew fil-qadi. Huwa l-kuntrattur li jassenja il-*helpers* u s-*Supervisors* jaraw is-servizz li jkun qed jinghata. Dawn il-*helpers* ghandhom rosters. Dawn ikollhom *attendence sheet* sabiex kull darba li jmorru ghand il-klijent, il-klijent jiffirma bhala evidenza li l-*helper* ikun mar ghandhom.

Huwa kkonferma li l-*helper* li kellha Rosina Portelli kienet Benna Farrugia. Hi bdiet tahdem maghha mis-17 ta' Ottubru, 2017 u baqghet hemm sat-18 ta' Marzu, 2018. Din l-attendenza hija murija fuq id-dokument mmarkat bhala dok RZ[5]. Jekk ikun intbaghat xi *reliever*, din ikollha *attendence sheet* separata.

**Michael Portelli** xehed nhar it-12 ta' Otttubru, 2018 a fol. 57 u kkonferma li jigi bin Rosina Portelli u jghid li fl-ahhar ta' Marzu, 2018 ommu kienet ghamlet

---

[4] Fol. 44 tal-proccess

[5] Fol. 51 ta' l-atti.

rapport ghand il-pulizija il-Fgura dwar xi flus li gew migbuda mill-kont bankarju taghha mill-ATM meta ma kienitx hi li gibdithom u l-pulizija in segwitu kienet ghamlet kuntatt mal-Bank u ghamlet l-investigazzjoni taghha.
Spjega li ommu tbati minn *chest infections* u kienet ilha tbati mis-sena 2016 u ra li minkejja li kienet tkellmet ma hafna tobba baqghet dejjem l-istess. Ghalhekk kienet dahlet fl-Emergenza ta' l-isptar Mater Dei u baqghet hemm ghall-osservazzjoni. Waqt li kienet l-isptar kienet qaltlu l-PIN code tal-card taghha biex f'kaz li jkollha bzonn flus, waqt li tkun l-isptar, ikun jista jigbidhomlha. Matul dan il-perjodu kien jitla kuljum id-dar peress li ommu ghandha kelb. Darba minnhom kien mar jara x'kellha ommu bhala bilanc fil-kont taghha izda ma gibed l-ebda ammont. Gibed ukoll *transaction sheet* biex jara il-moviment ta' dan il-kont u minn hemm induna li kien qed ikun hemm *withdrawals* ta' €250. Zamm il-karta ghandu u kien imhasseb dwarha. Meta ommu irritornat id-dar fl-24 ta' Marzu, 2018 kellimha dwar dawn il-*withdrawals* l-ghada. Qaltlu li ma kienitx taf b'dawn il-*withdrawals* u ghalhekk marru jghamlu rapport l-ghassa tal-pulizija. Il-Bank huwa dak tal BOV Fgura u dan jinsab bieb ma bieb mad-dar ta' ommu.

Jghid li veru xeghlitlu l-bozza meta ra li kien hemm zewg *withdrawals* f'qasir zmien ta' gimgha bejniethom u kien jaf li dak l-ammont kien hafna ghal bzonnijiet ta kuljum ta ommu. Ommu kienet qaltlu li hija tigbed massimu ta' €50 biex tuzhom ghall-hajja.

Mistoqsi jekk jgharafx lill-akkuzata jghid li lil Benna Farrugia ma jafhiex pero kien baghtilha SMS. Qal li huwa kien imur ghand ommu darba fil-gimgha nhar ta' Gimgha meta ma kientix tkun hemm il-*helper*. Kien jaf li ommu ghandha *helper* izda qatt ma kien iltaqa' maghha. Jaf li darba fil, ommu kienet tixtri xi affarijiet biex izzejjen id-dar. Kienet tghidlu bihom ghax ghandu relazzjoni tajba maghha. Ma kienx igorr dwar l-ammont ta' flus li kienet tonfoq izda kien jghidilha li kellha hafna affarijiet. L-affarijiet li xtrat li huma ta' pregju ma kienx f'dan iz-zmien partikolari.

Jghid li qatt ma kellu l-card ta' ommu qabel dak l-incident meta spiccat l-isptar. Ma kienx jghamel uzu mill-card. Kollox kien f'idejn ommu.  Jghid u jikkonferma li ommu qatt ma qaltlu li kienet tat il-card lil haddiehor.

In kontro-ezami nhar il-11 ta' Ottubru 2022, jghid li dakinhar li gibed il-€50 ma kienitx l-ewwel darba li ghamel uzu minn din il-card. Kien ikun hemm drabi meta kien imur izur lill-ommu jum il-Hadd u titolbu sabiex jigbed xi flus mill ATM ghaliha.

Dakinhar kienet ommu li tatu n-numru tal-Card b'mod verbali.  Mistoqsi jekk jafx fejn ommu kienet izzomm il-card jghid li jaf; kienet tpoggiha f'kexxun ta' armarju li kien hemm fil-kamra tal-ikel. Jaqbel li l-kcina tinsab vicin il-kamra tal-ikel.  Jaf li vicin il-card kien hemm karta bil-PIN tal-card. Jghid li dakinhar meta ommu kienet l-isptar, kienet ommu li talbitu jigbed xi flus mil-ATM ghaliex kellha bzonnhom l-isptar. Kien gibed it-*transaction sheet* biex juri lill-ommu li ma kienx gibed aktar minn dak mitlub. Qal li mhux minnu li kien ikun hemm nies ghand ommu; filfat kienet tghid li kienu nesewha.

Qal li mis-sena 2020, zmien il-COVID,  ommu kienet qed tirrisjedi f'Home Hal Ghaxaq. Mistoqsija jekk ghandhiex problemi ta' dimentia jghid li le safejn jaf hu. Wara dan l-incident u sakemm dahlet fil-*home*, jghid li kien hemm persuna li tahdem il-bank, habiba ta ommu, li kienet tghinha tigbed il-flus  li jkollha bzonn. Ommu kienet tmur il-bank.

**Xehed Ian Bugeja** fil- 21 ta' Novembru 2018 fejn spjega li hu rritorna ic-CD originali dok HC u esebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala dok IB.

Fil-21 ta' Novembru, 2018 xehed ukoll PS 192 Ramon Giordano u muri l-okkorrenza esebita fl-atti a fol. 5 jikkonferma li kien hu li ghamilha. Spjega li kienet marret Rosina Portelli taghmel ir-rapport u hu ghaddih lill-ispettur Hubert Cini. Qal li meta marret tkelmu, maghha kellha it-*transaction sheets* tal-BOV.

Ikkonfermat fil-prezenza tal-mara ta' binha li kien hemm xi transazzjonijiet li saru f'Marzu li ma kienitx awtorizzat.

**Mark Grech** xehed nhar is-16 ta' Jannar, 2019 a fol. 89 in rapprezentanza tal-grupp Healthmark. Is-socjeta hija Support Services Limited. Qal li kien gie mitlub jixhed fuq il-persuna ta' Benna Farrugia. Ikkonfema li din kienet iffirmat kuntratt mas-socjeta Support Services Limited fid- 9 ta' Ottubru, 2017 bhala *home helper*. L-impieg taghha kien gie tterminat f'Gunju 2018. Tramite l-ufficjal prosekutur (ara folio 95) gie pprezentat faxxikolu ta` dokumenti mmarkat bhala dok MG, riferibbilment ghall-*contract of employment*, kopja ta cekk mahrug mis-socjeta Support Servies Limited intestat lil Benna Farrugia nhar l-20 ta Gunju 2018, kopja tal-ittra ta' rizenja ta' Benna Farrugia u kopja tal-karta ta' identita taghha.

Ix-xhud rega xehed nhar it-12 ta' April 2023 u dan fil-kapacita tieghu ta Operations Manager tas-socjeta Support Services Limited u spjega li l-kuntratt tax-xoghol *part time* ta' Benna Farrugia kien gie iffirmat fid-9 ta' Ottubru 2017 u kienet hi li baghtet ir-rizenja taghha fil-25 ta' Mejju 2018. Ghal darb ohra ikkonferma li kienet tmur taghmel *Home help* mal-anzjani. Pero, peress li kien ghadda iz-zmien, ma kellhomx it-timetables ta' meta hadmet. Apparti li kienet tahdem ma Rosina Portelli, x'aktarx li kienet tahdem ma anzjani ohra. Spjega li Rosina tkun ghamlet applikazzjoni mad-dipartiment tal-anzjani u wara huma jinghataw il-kuntratt mill-istess dipartiment.

Huwa esebixxa xi dokumentazzjoni relatata ma Rosina Portelli li giet immarkata bhala dok MG1[6].

Ix-xhud rega xehed nhar il-15 ta' Novembru, 2023 u qal li minn verifiki aktar intensi li ghamel irrizulta li Rosina Portelli kellha wkoll kuntratt maghhom dwar

---

[6] Fol. 319 tal-atti

*care working* jigifieri kien hemm *careworker* li kienet tmur ghandha biex tahsilha u dan ghall-perijodu bejn 2016 u 2018. Esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dok MG2[7] li huwa it-*transaction history* kollha tas-servizz tal-*care working*. Is-servizz kien wiehed regolari. Is-servizz kien jinghata fil-fond 55, Triq Hompesch, Fgura. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala dok MG3[8]

**Keith Cutajar**, espert fl-IT xehed nhar it-8 ta' Mejju 2019 a fol. 112 u spjega li huwa kien inghata inkarigu biex jghamel l-analizi tad-dok HC1 u cioe tad-DVD bil-filmati mahruga mis-sistema tal-BOV. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu bl-istills. Dawn l-istills juru l-ATM tal-Bank of Valletta tal-Fgura. Huwa pprezenta ukoll l-istess rapport fuq digital copy fuq DVD. Ir-rapport gie markat bhala dok KC[9].

**Marie Louise Portelli** xehdet nhar l-4 ta' Ottubru, 2021 a fol. 204 u spjegat li Rosina Portelli hija omm ir-ragel taghha. Ikkonfermat li kienet marret maghha taghmel rapport ghand il-pulizija u dan ghaliex kienu insterqu xi flus mill-kont bankarju taghha mill-ATM. Qalet li zewgha Michael kien induna li kien hemm certu *withdrawals* ta' l-istess ammont f'certi granet partikolari u dan fiz-zmien meta Rosina kienet rikoverata l-isptar. Zewgha kien gibed €10 mill-kont taghha sabiex Rosina ittiha lin-nurses l-isptar u talab transaction sheet sabiex juriha li kien gibed €10. Izda induna li kien hemm transactions ta' ammonti sostanzjali. Tghid li zewgha staqsa lill-ommu dwarhom u qaltlu li hija ma kienitx gibdet dawk l-ammonti li gew suggeriti lilha.

Dak iz-zmien kienet bil-*maternity leave* u zewgha kien jahdem u ghalhekk akkompanjat lil Rosina Portelli l-ghassa biex taghmel rapport una volta li harget

---

[7] Fol. 348 tal-atti

[8] Fol. 344 tal-atti

[9] Fol. 114 tal-atti

mill-isptar. Tiftakar li kien jum il-Gimgha u l-pulizija komplew bl-investigazzjoni. Tghid li kienet l-istess gurnata meta l-carer tal-gvern kienet qed taghti servizz lil Rosina. Qalet li l-carer kien jisimha Benna izda tghid li darba biss kienet ratha. Qalet li gharfitha fl-awla ghaliex hija l-akkuzata pero tghid li kieku ratha barra ma kienitx tgharafha.

**Charlot Farrugia** xehed fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2022 u muri id-dokumenti a fol. 98 sa 104, ikkonferma li d-dokumenti esebiti minn Mark Grech huma vera kopja tal-original; kien hu li ghamel il-fotokopji relattivi.

Qieset ukoll u bir-reqqa **l-verzjoni ta` l-imputata** li hija tat permezz ta` l-istqarrija taghha tat-18 ta` Mejju 2018 (ara folio 14 et seq). L-imputata offriet spjegazzjonijiet u cahdet kategorikament li hija kienet serqet xi flus mill-kont bankarju ta` Rosina Portelli.

Dan hu bazikament il-kwadru tal-provi f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat**;

Illi minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, appena hawn fuq esposti in succint, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma hemm ebda raguni naxxenti mill-provi, ghaliex ma ghandhiex temmen il-verzjoni tal-anzjana Rosina Portelli.

Hija dejjem kienet kategorika dwar il-fatt li dejjem kienet tkun hi li tmur tigbed il-flus mill-ATM. U allura, f'dan il-kuntest, il-fatt li hija tallega li ttehdulha xi fondi mill-kont u li dan sar mill-imputata ad insaputa taghha, tali allegazzjoni li effettivament kienet l-imputata li minghajr il-kunsens tas-sid (Rosina Portelli) hadet (serqet) xi fondi mill-kont taghha permezz ta` gbid mill-ATM, tinsab konfortata propju mid-dikjarazzjoni inekwivoka ta` l-imputata stess, li

effettivament hija gieli kienet tmur tigbed xi fondi mill-ATM (dan pero`, skond hi, fuq struzzjonijiet diretti tal-anzjana stess).

Illi l-provi dokumentarji (riferibbilment ghall-granet meta l-imputata kienet xoghol ghand Rosina Portelli u meta saru *withdrawals*, mhux bil-kunsens tas-sid) ipoggu lill-imputata precizament u minghajr dubbju, fil-qafas tal-imputazzjoni tas-serq migjuba kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Illi dwar il-prova li Rosina Portelli hija anzjana fit-termini tal-ligi, l-Qorti ghandha fl-atti, ic-certifikat tat-twelid taghha (ara folio 72 dok RP) u c-certifikat taz-zwieg relattiv (ara folio 165 dok CZ).

Illi li gara f'dan il-kaz hu, li l-imputata ghelbitha t-tentazzjoni, waqt li kienet fdata minn Rosina Portelli, u ad insaputa taghha, l-imputata hadet il-cashlink u n-numru, u gibdet xi ammonti ta` flus. Dan kollu jinkwadra fir-reat tas-serq kif migjub fl-ewwel imputazzjoni, maghmul fuq medda ta` zmien; izda certament ma hux kaz ta` frodi kif migjub fit-tieni u fit-tielet imputazzjonijiet, li inghataw bhala imputazzjonijiet alternattivi ghall-imputazzjoni tas-serq.

Illi wkoll, mill-provi prodotti, jirrizulta li r-reat tas-serq migjub fl-ewwel imputazzjoni, huwa biss aggravat bil-valur, lok u persuna (apparti l-kwalifika ta` l-anzjanita`); l-aggravji tal-vjolenza u tal-mezz ma jinkwadrawx f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli ghall-kaz odjern, din il-Qorti, fost fatturi ohra, qed izzomm quddiem ghajnejha s-segwenti;

a. Il-ksur tal-fiducja ta` persuna vulnerabbli ghax anzjana;

b. L-obbligu tal-protezzjoni tal-persuna anzjana meta din tkun fil-kura taghha (tal-imputata) u allura f'dan il-kaz ikun sehh propju l-oppost;

c. Il-fatt car li l-imputata ma jidhirx li hija xi *serial criminal*, u l-Qorti qed tqis dan il-kaz bhala wiehed izolat fil-hajja ta` l-imputata li jidher li giet meghluba mit-tentazzjoni;

d. Illi c-cirkostanzi socjali ta` l-imputata kienu tali li jattiraw jew ghandhom jattiraw kompassjoni u hniena minn min irid jaghmel il-Gustizzja;

e. Illi s-sanzjoni trid tohloq bilanc bejn interessi varji, dawk tal-vittma, dawk ta` l-imputat/imputata, u dawk tas-socjeta` in generali – u f'dan il-kuntest, il-legislatur ta lill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, ghodda siewja.

**Decide.**

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 18, 19, 20, 22, 23, 31, 261(b)(c)(d)(e), 257D(1)(b)(c)(2), 257F(1)(4), 263, 264, 265, 266, 267, 268(a)(d), 269(g), 278(1)(2)(3)(4), 279(a)(b), 280(1)(2), 281(a)(b), , 284, 285, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tiddisponi minn dan il-kaz bil-mod segwenti;

1. Issib u tiddikjara lil Benna Farrugia hatja tal-ewwel imputazzjoni, dik tas-serq, ikkwalifikat biss bl-aggravji tal-valur, lok, persuna u anzjanita`;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet (2) u (3) li jikkontemplaw ir-reat ta` frodi, u dana stante li dawn iz-zewg

imputazzjonijiet kienu inghataw bhala alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni;

3. Tikkundanna lil Benna Farrugia, b'mod komplessiv, ghall-piena ta` hmistax-il (15) xahar prigunerija li pero` qed jigu sospizi ghall-perjodu ta` sentejn bis-sahha ta` l-Artikolu 28A tal-Kap 9;

4. Tordna lil Benna Farrugia sabiex thallas lil Rosina Portelli, bhala kumpens, is-somma stabbilita mill-Qorti fl-ammont ta` €2,250 fi zmien sitt xhur u dana ai termini ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9;

5. Tordna lil Benna Farrugia thallas l-ispejjez skond dak dispost mill-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret lill-hatja, fi kliem car u li jinftiehem, l-import ta` din is-sentenza u ta` l-ordni maghmul.

Jigi ordnat li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur sabiex jagixxi skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.